# *Kunsill Lokali Marsaskala*

228, Triq is-Salini, Marsaskala

Tel : 21637171, Fax : 21637744,

E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **14** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar it-**Tlieta 28 ta' Settembru 2010 fis-7.30pm.**

# *L-Ewwel Seduta*

| **Preżenti** | **Membri** |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sur Mario Calleja |
| **Il-Viċi Sindku** | Is-Sur Charlot Mifsud |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Jesmond Mugliett (daħal fit-7.50pm.)<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt (daħal fit-7.55pm.)<br>Is-Sur John B.Camilleri (daħal fis-7.55pm.) |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Joseph Grech |
| **Skużati** | Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sinjura Carmen Fearne |

## *Aġenda*

1. Jinqraw u jiġu kkunsidrati l-Minuti.
2. Wara konsiderazzjoni, biex jiġi approvat li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.
3. Punti li joħorġu mill-Minuti.
4. Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju April – Ġunju 2010.
9. Bord tal-Appell 22 ta' Ottubru 2010 rigward ir-Riċiklaġġ ta' Sant'Antnin fil-bini tal-MEPA.
10. Press Conference fuq il-*family park.*
11. Aġġudikazzjoni tat-tenders KLM 2010/07 Galvanised Steel Railings & Gate, KLM 2010/08 Insurance cover for Marsaskala Local Council.
12. Aġġornament.

Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech

- Minħabba nuqqas ta' kworum, il-laqgħa bdiet fit-8.00p.m.

1.0 ***Qari u approvazzjoni tal-Minuti:***

1.1 **Laqgħa Nru 12(1) tat-13 ta' Lulju 2010:**

Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa għal aktar dettalji rigward paragrafu 2.2 fil-paġna 2, fejn qal li kien hemm żball u flok il-kelma *"bini tal-Kunsill"* trid tiġi *"tad-Devoluzzjoni tal-Ġnien Sant'Anna"*.

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti kif emendati ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Matters Arising :***

2.1 **Premju Anzjan tas-Sena (35/5057/10/I) :**

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li s-Sur Lino Bugeja m'aċċettax in-nomina ta' Anzjan tas-Sena fuq ċirkostanzi ta' natura personali, u s-Sur Joe Chetcuti ma jaqax taħt din in-nomina peress li għadu m'għalaqx il-65 sena. Il-Viċi Sindku kien avviċina lis-Sur Joe Farrugia li wkoll kien għadu m'għalaqx il-65 sena.

Il-Kunsill approva li ma jiġi pproponut ħadt għal din in-nomina.

2.2 **Premju Żgħażugħ tas-Sena:**

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ppropona lis-Sur Keith Bonnici għal din in-nomina.

Il-Kunsill approva unanimament.

- ***Intalbu s-sospensjoni tar-regolament, sabiex jiġi diskuss ir-rapport finanzjarju.***

3.0 ***Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju April – Ġunju 2010 :***

Għal din is-seduta ġie mistieden l-*Accountant* s-Sur Lawrence A. Cauchi sabiex jispjega sewwa r-rapport finanzjarju ta' April – Ġunju 2010.

- Is-Sur Cauchi beda sabiex ta' rendikont fuq id-dħul u l-ħruġ li l-Kunsill għandu jagħmel sa l-aħħar ta' din is-sena. Huwa qal li fit-tliet xhur li baqa' il-Kunsill irid joqgħod attent għall-infieq.
- Is-Sindku staqsa kemm il-Kunsll baqalu x'jonfoq u talab rapport aktar dettaljat pero' b'sempliċita ' sabiex il-Kunsilliera li m'humiex *accountants* ikunu jistgħu aktar jifmuh.

- Is-Sur Cauchi qal li se jkun hemm dħul ta' €50,000 mill-LES, pero` dawn mis-sena ddieħla mhux se narawhom aktar deħlin hekk, peress li issa se jiġi f'idejn ir-reġjuni kemm id-dħul, kif ukoll il-ħruġ tal-gwardjani lokali.

- Is-Segretarju Eżekuttiv spjega dwar l-eżercizzju li l-Kumitat Konġunt għamel dwar iċ-ċitazzjonijiet li ma tħallsux mis-sena 2000 'l hawn fejn il-Kunsill irnexxilu jiġbor ammont sostanzjali.

- L-*Accountant* s-Sur Lawrence Cauchi ġibed l-attenzjoni rigward li l-budget fejn ġie rivedut sostanzjalment u kif il-flus li qed jagħti l-Gvern fuq l-infieq jiġi mmirrat fuq dak ibbaġitjat ċioe` jingħataw il-flus għal fondi speċifiċi – '*ring fencing*'.

- Il-Kunsillier Lawrence Ciantar talab sabiex jibda isir eżerċizzju li kull Kunsillier għandu jkollu l-budget tiegħu skond ir-responsabilita` tiegħu sabiex wieħed ikun jaf x'baqa` x'jintefaq għal dik is-sena.

- L-*Accountant* is-Sur Lawrence A. Cauchi qal li dan l-eżerċizzju jista` jsir b'xi mod.

- Is-Sindku talab li wieħed mill-ħaddiema is-Sur Joe Fava jikkordina mal-Kunsillier Lawrence Ciantar sabiex jibda jtiħ il-qtugħ ta' ħaxix fin-*Non Urban Roads.*

- Is-Sur Lawrence A. Cauchi ġibed l-attenzjoni rigward l-U.I.F. Funds, fejn il-Kunsill joħroġ il-flus biex iħallas lill-kuntrattur qabel ma jdaħħalhom mill-MEPA u allura irid joqgħod attent bħala *cashflow.*

  B'hekk il-Kunsill għandu jiġi b'xi tip ta' kompromess fejn niftehmu mal-kuntrattur li jitħallas biss wara li niġbru l-flus mill-MEPA.

- Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għad-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill dwar il-PPP fejn il-Kunsill alloka ammont sostanzjali ta' madwar €150,000, sabiex isiru ħames toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li biex il-Kunsill iwettaq dan il-proġett, irid ikun kawt fl-infieq kapitali tiegħu bħala tranġar ta' bankini, bankini ġodda, patching u bankijiet ġodda.

- Is-Sindku wieġeb li fil-fehma tiegħu jippreferi li jsiru diversi proġetti żgħar u li jkun hemm bżonn mal-lokal kollu bħal tranġar ta' bankini u patching milli jsiru ħames toroq fil-lokalita` kollha. Is-Sindku talab l-opinjoni tal-Kunsilliera u kien hemm qbil unanimu dwar dan. Kien hemm qbil unanimu li fil-każ li ma jkunx hemm biżżejjed fondi, l-Kunsill għandu jirtira mid-deċiżjoni tiegħu li jidħol fl-iskema tal-PPP

- Ir-rapport finanzjarju ġie approvat unanimament.

4.0 ***Ħlasijiet :***

4.1 **Ħlasijiet bi kreditu:**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, biex jiġu approvati għall-pagament.

| LISTA TA' ĦLASIJIET – 28/9/10 #14(1) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| •Contracts Manager report available. | | | | | |
| | ***PAGAMENTI*** | ***Contracts*** | ***Invoice Date*** | ***Inv No*** | ***€*** |
| 1 | **Graphics** | Newspapers | 16/09/10 | 59815 | 160.93 |
| 2* | **Mr.P Piscopo** | Kiri ta' siggijiet ghal - Iljieli Skalin | 08/09/10 | 21 | 442.50 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 3 | **JV Woodworks & DIY Service** | Wood | 23/08/10 | 78 | 126.55 |
| 4* | **Kappillan** | Reklam fuq fuljett Flimkien - Iljieli Skalin | 13/09/10 | | 18.00 |
| 5* | **Grupp Fund Raising** | Serata Platt Malti - Iljieli Skalin | 16/09/10 | | 37.50 |
| 6 | **Ms. Graziella Mallia** | Librarian August 2010 | 06/09/10 | | 134.09 |
| 7 | **Ms. Graziella Mallia** | Reimbursement of expenses for library - baygon | 16/09/10 | | 3.94 |
| 8 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings Job Sheet 10033 | 10/08/10 | 13552 | 451.94 |
| 9 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings Job Sheet 10035 | 11/08/10 | 13554 | 982.99 |
| 10 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings Job Sheet 10072 | 16/08/10 | 13541 | 136.09 |
| 11 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings Job Sheet 10092 | 01/09/10 | 13624 | 137.54 |
| 12 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings Job Sheet 10091 | 01/09/10 | 13623 | 1218.11 |
| 13 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings Job Sheet 10093 | 02/09/10 | 13625 | 957.81 |
| 14 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Information Signs | 23/08/10 | 13636 | 46.45 |
| 15 | **ARMS** | Water & Electricity for Public Toilet at Zonqor | 19/09/10 | 126678213 | 297.11 |
| 16 | **ARMS** | Water & Electricity Council Premises | 11/09/10 | 12639293 | 1088.92 |
| 17 | **Union Print Ltd** | Magazine Lehen il-Kunsill #3 | 30/08/10 | PI001717 | 2241.75 |
| 18 | **Go plc** | Telephone Bill 21637744 | 07/09/10 | 24259225 | 20.19 |
| 19 | **Go plc** | Telephone Bill 21632861, 21633887, 21637171 | 07/09/10 | 24259223 | 332.48 |
| 20 | **Avantech Ltd** | Toner for photocopier | 13/09/10 | 137882 | 5.50 |
| 21 | **Avantech Ltd** | Full service maintenance agreement charge for Cannon photocopier | 30/08/10 | 137483 | 241.37 |
| 22 | **General Ecological Services Co.Ltd** | Cleaning of culverts | 02/09/10 | 172 | 1980.00 |
| 23 | **General Ecological Services Co.Ltd** | Maitenance on water pump | 18/08/10 | 167 | 349.41 |
| 24 | **C-Planet IT Solutions Ltd** | Desktop support | 15/07/10 | INVMNL34/10 | 493.24 |
| 25 | **WasteServ Malta Ltd** | Deposit at Landfill March 10 | 17/04/10 | 60950 | 3183.34 |
| 26 | **WasteServ Malta Ltd** | Deposit at Landfill April 10 | 09/06/10 | 62598 | 4161.25 |
| 27 | **WasteServ Malta Ltd** | Deposit at Landfill May 10 | 29/06/10 | 62791 | 4161.25 |
| 28 | **Allied Newspapers** | Advert | 31/08/10 | AS1412886 | 125.08 |
| 29 | **MB Distributions Ltd** | Cartridges | 16/09/10 | 114290 | 430.09 |
| 30 | **MB Distributions Ltd** | Cartridges | 18/08/10 | 112726 | 326.27 |
| 31* | **Playcraft** | Printed plate - Iljieli skalin 2010 | 03/09/10 | 4670 | 5.31 |
| 32* | **Playcraft** | Blue velvet vert slip & printed plaque - Iljieli Skalin 2010 | 29/08/10 | 4660 | 212.40 |
| 33 | **Acc, Cleansing Services Department** | Public Convenience August 2010 | 03/09/10 | MLC/10/80398 | 655.15 |
| 34 | **Acc, Cleansing Services Department** | Public Convenience Extra Service August 2010 | 10/09/10 | ES/10/2009398 | 1581.20 |
| 35 | **Media Link** | Advert | 31/08/10 | 44142 | 121.78 |
| 36 | **Polidano Brothers Ltd** | Construction of Public Garden Hamrija/Sibbien/Isfar 3rd ~~2nd~~ Part Payment | 25/08/10 | 88146 | 5332.58 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 37 | **The Treasury Vodafone Malta Ltd** | Mobile Service August 79637171 | 01/09/10 | 2088092092010 | 129.80 |
| 38 | **The Treasury Vodafone Malta Ltd** | Mobile Service Final Payment 99450861 | 01/09/10 | 2088094092010 | 94.37 |
| 39 | **Sound Machine** | Samsung fridge/freezer | 16/09/10 | 10006909 | 350.01 |
| 40* | **Ms. Charmaine Delia** | Reimbursement of expenses for Dogs Show - Iljieli Skalin | 13/09/10 | | 93.77 |
| 41 | **Merlin Library Ltd** | Books | 15/09/10 | 42113 | 250.00 |
| 42* | **Mirage Sound** | Kiri ta' PA System - Iljieli Skalin | 10/09/10 | | 640.00 |
| 43 | **Mr. Lawrence A Cauchi** | Accountancy Service | 31/08/10 | 2010072 | 569.61 |
| 44 | **Mr. Lawrence A Cauchi** | Accountancy Service (payment on acc re fixed assets register) | 31/08/10 | 2010073 | 3283.90 |
| 45 | **Segrtearju Permanenti OPM (ITSD)** | Advert of Independent | 09/09/10 | | 103.20 |
| 46 | **Mailbox Services Ltd** | Distribution of Council Magazine | 07/09/10 | | 80.24 |
| 47 | **Mr. Mario Mallia** | Supply and Installation of benches | 06/09/10 | 942 | 2790.00 |
| 48* | **Ghaqda Muzikali Sant'Anna** | Brass Band - Iljieli Skalin | 09/09/10 | | 700.00 |
| 49* | **Mr. Daniel Spagnol** | Food & Drinks - Iljieli Skalin | 14/09/10 | 1 | 132.00 |
| 50* | **Mr. Joseph Pavia** | Photographic Service - Iljieli Skalin | 06/09/10 | | 80.00 |
| 51 | **Smart Office Supplies Ltd** | Stationery | 31/08/10 | 13016714 | 72.35 |
| 52 | **Smart Office Supplies Ltd** | Stationery - Credit Note | 07/09/10 | 93001677 | -17.96 |
| 53 | **Sound Vision Print** | Advert - Kulhadd | 31/08/10 | 13010 | 105.63 |
| 54 | **Mr Andre Borg** | Regular Maintenance on Website | 27/08/10 | MSK001/2010 | 112.10 |
| 55 | **Image Systems** | Photocopier | 31/07/10 | RENT/041279 | 54.80 |
| 56 | **Kumitat Kongunt Kunsilli Lokali** | Wardens Service - July 2010 | 05/08/10 | JC-004/MSA | 4609.59 |
| 57 | **Kumitat Kongunt Kunsilli Lokali** | Wardens Service - August 2010 | 09/09/10 | JC-005/MSA | 4095.44 |
| 58* | **Police Dept** | Extra Duty - Iljieli Skalin | 07/09/10 | 29840 | 248.71 |
| 59 | **Gilbert Ironmongery** | Consumables | 14/09/10 | 10655 | 320.59 |
| 60 | **Mr. Alfred Debono** | Refund of Expenses August 10 | 12/09/10 | | 40.00 |
| 61 | **Advanced Telec. Systems Co Ltd** | Cartrdiges | 10/09/10 | 42328 | 347.22 |
| 62 | **ECO Pure** | Water | 31/08/10 | 474462 | 25.49 |
| 63 | **D-Consulta Ltd** | Application Fee for cycling and health in the promotion socail inclusion | 13/09/10 | 645 | 227.00 |
| LISTA TA' HLASIJIET ADDIZJONALI – 28/9/10 #14(1) | | | | | |
| 64 | **MB Distributors** | Cartridges | 17/09/10 | 114385 | 25.48 |
| 65 | **MB Distributors** | Cartridges | 22/09/10 | 114552 | 13.69 |
| 66 | **Smart Office Supplies Ltd** | Stationery | 16/09/10 | 13017023 | 132.13 |
| 67• | **Mr. Ronald Bezzina** | Street Sweeping & Grass Cutting in Urban Roads | 30/08/10 | 32 | 4384.65 |
| 68• | **Mr. Ronald Bezzina** | Extra Work | 30/08/10 | 34 | 410.00 |
| 69• | **Mr. Ronald Bezzina** | Bulky Refuse - August 2010 | 30/08/10 | 11 | 1598.85 |
| 70 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings Job Sheet 10151 | 09/09/10 | 13680 | 433.25 |
| 71 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings Job Sheet 10126 | 03/09/10 | 13681 | 342.01 |
| 72 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings Job Sheet 10127 | 03/09/10 | 13682 | 440.35 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 73 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings Job Sheet 10133 | 09/09/10 | 13688 | 17.58 |
| 74 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings Job Sheet 9968 | 01/09/10 | 13670 | 417.44 |
| 75 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings Job Sheet 9969 | 01/09/10 | 13671 | 532.59 |
| 76 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings Job Sheet 10130 | 07/09/10 | 13685 | 513.01 |
| 77 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings Job Sheet 10131 | 09/09/10 | 13686 | 886.95 |
| 78 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings Job Sheet 10132 | 09/09/10 | 13687 | 683.83 |
| 79 | **Image Systems** | Photocopier | 31/08/10 | RENT/041906 | 51.94 |
| 80 | **Karmig Ltd** | Contruction of playingfield in Triq il-Qaliet | 24/09/10 | 25100-17 | 12155.25 |
| 81 | **Karmig Ltd** | Pavement Works Triq il-Gross, Triq il-Hortan, Triq iz-Zonqor | 19/01/10 | 25100-37 | 1441.82 |
| 82 | **Nexos Street Lighting** | Street Lighting | 13/09/10 | 1046 | 1680.31 |
| 83 | **Nexos Street Lighting** | Lighting in Gnien David Vella | 06/09/10 | 2008727 | 1253.00 |
| 84 | **Mr. Joseph P. Pavia** | Photographic Service | 20/09/10 | | 80.00 |
| 85 | **Golden Gate Co.Ltd** | Stationery | 16/09/10 | 355293 | 32.57 |
| 86 | **HSBC Bank Malta plc (Toni's Wine & Spirit)** | Bevrages | 23/09/10 | 1026770 | 158.31 |
| 87 | **Med Design Associates** | Professional Fees | 20/09/10 | 30004469 | 105.00 |
| 88* | **D-Consulta Ltd** | Application Fee for project titled pilt projects on employment on persons with autism spectrum disorders | 20/09/10 | 647 | 227.00 |
| 89* | **Mr. Charlo Grixti** | Security Services Iljieli Skalin | 12/09/10 | | 194.70 |
| 90* | **Malta Tourisim Authority** | RE-Enactors Iljieli Skalin | 13/09/10 | 101768 | 826.00 |
| 91 | **M Quip Co Ltd** | Trasportation and labour cost for playing equipment at Gnien David Vella | 20/09/10 | 23037 | 1693.01 |
| 92• | **ELC** | Parks & Gardens August 10 | 31/08/10 | 6531 | 1543.75 |
| 93• | **Mr. Roanld Bezzina** | Grass Cutting in Non Urban Roads - August 10 | 15/09/10 | 22 | 221.35 |
| 94 | **Stainless Structures** | Two Steel pipes for handrailing | 26/09/10 | 199 | 207.68 |
| 95 | **Steel Metal** | Repair on damaged horse from Mifsud Bonnici Square | 27/04/10 | 132 | 430.70 |
| 96 | **Karmig Ltd** | Pavement Works Triq il-Qaliet | 27/09/10 | 25100-37 | 2135.88 |
| 97 | **Med Design Associates** | Professional Fees Various Roads | 27/09/10 | 30004509 | 66.32 |
| 98 | **Med Design Associates** | Professional Fees Various Roads | 27/09/10 | 30004510 | 44.77 |
| 99 | **Med Design Associates** | Professional Fees Triq il-Qaliet | 27/09/10 | 30004507 | 358.58 |
| *** Pagamenti għall-Iljieli Skalin 2010** | | | | | |

4.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward item 55 fuq ta' l-Image System rigward il-*photocopier* u għaliex għadna nħallsu fuqa peress li xtrajna oħra ġdida.

Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjegazzjoni li dik hija il-*photocopier* l-antika u li aħna għadna ngħamlu użu minnha, pero` se jiċċekja dwara.

4.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ġibed l-attenzjoni li l-kuntrattur li jnaddaf il-*culverts* ma naddafx sewwa il-*culvert* li hemm fi Triq San Ġwakkin in-naħa ta' fuq peress li huwa mimli bil-konkos.

Is-Sindku qal li l-kuntrattur naddaf dan il-*culvert* mit-terrapin, pero` għandu bżonn daqqa ta' *jack hammer* għax dak li hemm huwa konkos imwaħħal li x'aktarx sar meta kuntrattur bena binja fi Triq San Ġwakkin.

Ġie deċiż li nqabbdu lill-kuntrattur tagħna biex ineħħi dan il-konkos

4.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjegazzjoni fuq l-infieq li għamilna rigward Ġnien David Vella fejn il-MEPA se tagħtina sa massimu ta' €50,000.

4.1.4 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li kellu laqgħa mal-Perit rigward '*head lights*' li se npoġġu fi Ġnien David Vella u dalwaqt se nkunu f'pożizzjoni li noħorġu tender.

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti.

4.2 ***Ħlasijiet b'urġenza:***

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet li tħallsu b'urġenza, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**LISTA TA' ĦLASIJIET B'URGENZA – 28/9/10 #14(1)**

• Contracts Manager report available.

| | ***PAGAMENTI*** | ***Contracts*** | ***Invoice Date*** | ***Inv No*** | **€** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **CIR** | FS5-Agust 2010 | 24/08/10 | | 2307.58 |
| 2 | **Sindku** | Honoraria - August 10 | 24/08/10 | | 795.50 |
| 3 | **Segretarju Ezekuttiv** | Salary - August 10 | 24/08/10 | | 1838.12 |
| 4 | **Impjegata C** | Salary - August 10 | 24/08/10 | | 983.23 |
| 5 | **Impjegata D** | Salary - August 10 | 24/08/10 | | 884.22 |
| 6 | **Impjegata E** | Salary - August 10 | 24/08/10 | | 310.75 |
| 7 | **Impjegata F** | Salary - August 10 | 24/08/10 | | 1147.85 |
| 8 | **Impjegata H** | Salary - August 10 | 24/08/10 | | 873.28 |
| 9 | **Impjegata I** | Salary - August 10 | 24/08/10 | | 926.78 |
| 10 | **Maltapost** | Bulky Postage (5780 envelopes) for fines | 24/08/10 | | 1098.20 |
| 11 | **Maltapost** | 500 stamps | 24/08/10 | | 95.00 |
| 12 | **DOI** | Advert for Tenders | 25/08/10 | | 9.32 |
| 13 | **Industrial Projects & Services Ltd** | Claim for overtime July | 25/08/10 | | 4.56 |
| 14 | **Lourdes Service Station** | Fuel for Van | 27/08/10 | | 50.00 |
| 15 | **PCS Ltd** | Materjal ghal 14-il xkaffar | 27/08/10 | | 1971.50 |
| 16 | **Ms. Maria Aguis** | Cleaning of Council premises | 28/08/010 | 1 | 58.00 |
| 17 | **Mr. Jonathan Henwood** | 2 books - ten great walks | 07/09/10 | | 16.00 |
| 18 | **R&A Waste Service Ltd** | Refuse Collection ~~July~~ August 10 | 07/09/10 | | 10484.45 |
| 19 | **Ms. Maria Aguis** | Cleaning of Council premises | 09/09/10 | 2 | 87.00 |
| 20 | **Selves** | Petty Cash August 2010 | 09/09/10 | | 186.21 |
| 21 | **Maltapost** | Bulky Postage (1472 envelopes) for fines | 13/09/10 | | 279.68 |
| 22 | **Lourdes Service Station** | Diesel for Van | 14/09/10 | | 50.00 |
| 23 | **IPSL** | Overtime - IPSL employees | 17/09/10 | 2665 | 315.68 |
| 24 | **Ms.Maria Agius** | Cleaning of Council premises | 23/09/10 | | 82.20 |
| 25 | **Puttinu Cares** | Blue Sea fishing competition | 24/09/10 | | 50.00 |

4.2.1 Laqgħa bejn is-Sindku u l-iżviluppaturi ta' Monita:

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li kellem lil-*Contracts Manager* tal-iżviluppaturi ta' Monita s-Sur Reggi Tellus fejn wasal għal kompromess miegħu biex peress illi fl-inħawi ta' fejn hemm l-iskola għal dawn l-aħħar erba` snin kien hemm inkonvenjent sħiħ kemm għar-residenti li joqgħodu fl-inħawi kif ukoll għal dawk l-ommijiet b'uliedhom li kienu jiġu fejn l-iskola, talbu biex mingħajr ħlas jibni żewġ bankini ġodda, jirranġa l-entratura ta' fejn l-iskola kif ukoll żewġt iċnut li kienu imwaqqa.

Dan sar kemm għal tisbieħ kif ukoll biex jitneħħa xi periklu.

Is-Sindku kompla jgħid illi kellem ukoll lill-iżvilppaturi ta' Monita biex apparti illi jħallsu ir-riklam li sar fuq il-magazine li joħroġ kull tlett xhur jagħmlu tajjeb ukoll għal xi spejjeż illi qed isiru dawn l-aħħar fil-librerija pubblika. Tajjeb ngħidu illi peress il-librerija tagħna qed tiġi modernizzata kif ukoll ġiet kompjuterizzata kellhom jinbidlu l-ixkaffef kollha ta l-istess librerija. Is-Sindku għadda il-kont tal-ixkaffar lill-iżviluppaturi għal diskussjonijiet fil-futur qrib.

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti.

5.0 ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

5.1 **Lease Agreement għall-amministrazzjoni ta' l-art fi Pjazza Sant'Anna:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjegazzjoni fuq dan il-*lease agreement* fejn spjega li l-ftehim sar għal sitt snin u kull tliet snin jiġi rinovat. Is-Sindku żied jgħid li kien talabhom sabiex issir ċerimonja żgħira għall-iffirmar tad-devoluzzjoni ta' din l-art.

Il-Kunsill approva unanimament.

5.2 **Applikazzjoni għal fondi tal-proġett ESF (European Social Fund) (35/5528/10/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjegazzjoni dwar dan u qal li l-Kunsill għandu jidħol f'dan il-proġett ma' bosta Kunsilli Lokali oħra fejn il-Kunsill Lokali tar-Rabat huwa l-*Project* Leader. Dan il-proġett jiffoka l-aktar fuq il-possibilta` li n-nisa jidħlu lura fid-dinja tax-xogħol.

Il-Kunsill approva unanimament.

5.3 **Apparat Perikoluż fi Pjazza Mifsud Bonniċi :**

Is-Sindku qal lill-Kunsill li neħħejna l-apparat kollu perikoluż li kien hemm fi Pjazza Mifsud Bonniċi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li jekk il-bandla li xtrajna għal Ġnien David Vella u li ma poġġejniex toqgħod hemm skond l-*ispecifications*, allura nwaħħlu lilha.

Il-Kunsill approva unanimament.

5.4 **Triq il-Blajjiet:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li kien bagħat b'email lill-Kunsilliera kollha dwar ir-risposta li ngħata mill-Perit tal-Kunsill flimkien mal-pjanta aġġornata lit-Trasport Malta biex terġa titjib ir-relazzjoni tagħna ma' l-istess TM.

It-TM kien se jtellifna ħafna parkeġġ minn Triq il-Blajjiet imma wara diskussjoni magħhom ġew f'kompromess li se jiġi mitluf parti biss minn dak il-parkeġġ skond il-pjanta annessa.

Il-Kunsill approva unanimament.

5.5 **Tnaqqis mill-allokazzjoni tal-Kunsill ta' Marsaskala (35/5603/10/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sinjura Gemma Debono bagħtitlna *email* fejn ġie deċiż mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li mis-somma ta' €1921.57 minfuqha fuq il-bibita` inkwistjoni, ser jitnaqqas nofs dan l-ammont u ċioe` s-somma ta' €960.78.

Il-Kunsill approva li nibgħatu lis-Sinjura Debono li l-Kunsill ma jaqbilx ma din id-deċiżjoni għax id-direttivi ħarġu wara li kienet saret il-bibita`.

5.6 **Proġetti ta' l-Unjoni Ewropeja Anna Lindh Euro-Mediterranean Foundation for Dialogue between Cultures – 2010 propost lilna minn Europe Direct:**

Is-Sindku qal illi peress li l-Kunsill Lokali għandu bħala konsulent tiegħu lis-Sur Mark Causon tal-kumpanija D-Consulta biex jinġiebu fondi mill-Unjoni Ewropeja fuq proġetti ta' l-istess Unjoni kien għadu fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv iltaqa` mal-istess Konsulent biex naraw eżatt xi proġetti qegħdin napplikaw għalihom u jekk il-Kunsill kienx ser joħroġ xi flus biex napplikaw għal dawn il-proġetti. Fil-fatt il-Konsulent qalilna li bħala spejjeż wieħed sempliċiment iħallas xi ħaġa żgħira għall-applikazzjoni iżda spejjeż oħra jkunu koperti mill-istess fondi tal-proġett. Tajjeb ngħidu li bħalissa diġa applika għal tliet proġetti li jinvolvu cycling bħala sports, unemployment kif ukoll persuni bi bżonnijiet speċjali u *autistic disorders*.

Is-Sindku kompla jgħid illi peress li Marsaskala fil-preżent għanda Viċi Presidenza tad-Douzelage qiegħed ukoll jinvolvi il-Konsulent Mark Causon biex ukoll japplika għal xi fondi fuq proġetti ta' l-istess Douzelage.

Is-Sindku kompla jgħid li hu flimkien mal-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud attendew konferenza ġewwa Għawdex rigward l-ECAD (European Cities Against Drugs). Marsaskala hawnhekk iddikjarat u ffirmat li hija kontra lillegalizzar tad-Droga. Din tant kienet interessanti illi diġa bdew diskussjonijiet mal-President tad-Douzelage biex nippruvaw norganizzaw konferenza simili f'Malta biex l-24 membru tal-istess Douzelage jissieħbu wkoll. Hawn fejn ukoll jidħol il-Konsulent tagħna biex japplika għal fondi biex tiġi orgnaizzata din il-konferenza f'pajjiżna prefiribbilment f'Marsaskala.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

5.7 **Tender dwar Ġbir ta' Skart :**

Kopja tat-tender ġie mibgħut lill-Kunsilliera b'*email*, għall-attenzjoni tagħhom.

Ġie deċiż sabiex jitneħħew l-iskips kollha u jitħallew biss madwar 10 f'dawk il-postijiet li ma jidħolx ~~l-iscammel~~. Fis-Sajf jista` jkun hemm fejn inżiduhom. Il-ġbir għandu jsir mit-Tnejn sal-Ħadd. kuljum

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett qal li twaħħlu bins ħdejn il-Bus Stops u li bagħatna ittra lis-sidien tar-restoranti sabiex sa l-20 ta' Settembru jkollhom il-bin privata tagħhom għall-iskart organiku u li jekk innaqqsu il-ġbir ta' dawn ir-ristoranti, il-Kunsill se jara tnaqqis sostanzjali fil-ġbir organiku.

Sar ftehim li t-tindif tal-bins mil-ġonna għandu jitneħħa mit-tender.

Il-Kunsill approva unanimament li jipproċedi.

5.8 **<u>Tal-Franciz Redoubt – Limits of Marsaskala :</u>**

Il-Kunsill approva sabiex issir laqgħa mas-Supretendent tal-*Cultural Heritage*, rigward dan ir-Ridott wara l-korrispondenza kollha li rċieva dwar dan is-suġġett mill-Għaqda Bajja San Tumas li qegħdin jitolbu għal *Guardianship deed.* Il-Laqgħa kienet prevista li ssir il-Ħamis 30 ta' Settembru 2010.

5.9 **<u>Korrispondenza mir-Reġjun Xlokk dwar LES:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Gwardjani Lokali mhux se jibqgħu taħt ir-responsabilta` tal-Kunsill, iżda se jibdew jaqaw taħt ir-Reġjuni u dan x'aktarx minn Jannar li ġej. Għalhekk fir-rigward ta' dan ġejna mitluba nirrispondu *email* mibgħuta minnhom.

Il-Kunsill iddeċieda li l-gwardjani lokali jibqgħu għaddejijn bl-istess ġranet u ħinijiet li għandna fil-preżent.

Rigward l-Eco Wardens għandhom jibdew jaħdmu mis-7.00a.m. sa l-10.00 kulljum b'*civil clothes.* Iridu jkunu b'muturi jew karozzi. U ninfurmawhom ukoll li fil-lokalita` tagħna m'għandniex *speed cameras.*

Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hu kien attenda għall-laqgħa li kienet saret fit-3 ta' Settembru fid-De La Salle College, avolja bagħtu *email* fejn qalu li ħadt mill-Kunsill ma kien attenda.

Is-Segretarju Eżekuttiv jgħarraf lill-istess reġjun dwar dan.

5.10 **<u>Żieda fl-Iskala tal-Iskrivana Chantel Zammit :</u>**

Is-Seretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li mill-1 ta' Ottubru 2010 is-Sinjorina Chantel Zammit se tibda taqa` taħt skala 15, peress li ġabet il-kwaifiki neċessarji.

Il-Kunsill approva unanimament.

5.11 **<u>Ittra mis-Sur Salerno :</u>**

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna ittra mis-Sur Salerno fejn qed jgħid li kull blokk ta' flats jew appartamenti irrid josserva u jimplimenta il-liġi li tirregola l-kondominji, u b'hekk talab lill-Kunsill isibx oġġezzjoni li tinħoloq assoċjazzjoni f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill qabel li din hija xi ħaġa purament ċivili u m'għandux għalfejn isib l-ebda oġġezzjoni.

5.12 ***Memo 126/2010 – Attivitajiet fil-lokalitajiet b'risq il-Community Chest Fund:***

Il-Kunsill filwaqt li wera` simpatija sabiex issir xi tip ta' attivita`, nnota li kienu diġa saru ħafna attivitajiet fejn l-aħħar attivita` saret b'risq Puttinu Cares u ma kienx qiegħed f'pożizzjoni li jtella` xi attivita` oħra.

6.0 ***Mistoqsijiet:***

**Mistoqsija mressqa mill-Kunsilliera – s-Sinjura Carmen Fearne (#013 -13/09/10):**

*"Kemm qed nipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni Ewropeja minn mindu qabbadna l-Konsulenti Speċjalizzati? U Kif qed naħdmu magħhom jekk hux huma jgħidulna b'xi programmi li hemm jew ngħidulhom aħna x'ikollna bżonn?* ".

Is-Sindku diġa ta' spjegazzjoni dettaljata f'item 5.6 rigward dan.

7.0 ***Mozzjonijiet:***

7.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur Jesmond Mugliett (#219-16/08/10):**

*"Jipproponi sabiex nagħmlu użu mill-Gwardjani Lokali fil-Bajja ta' San Tumas, speċjalment fil-weekend, fejn qed ikun hemm ħafna sewqan eċċessiv u abbużi oħrajn*".

Il-Kunsill approva unanimament.

7.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur John Baptist Camilleri (#220-7/09/10):**

*"Jipproponi sabiex il-bankijiet tal-ħadid li hemm fuq il-Promenade jibdew jinbidlu peres illi fihom ħafna sadid u qiegħed jikkawża dannu għal min jagħmel użu minhom, u li noħorġu tender u naqsmuwha fuq 3 fażijiet jew xort oħra*".

Il-Kunsill approva unanimament li niktbu lill-MRRA għall-għajnuna.

7.3 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur John Baptist Camilleri (#221-7/09/10):**

*"Jipproponi sabiex il-Fanali ornamentali kollha li jeżistu jiġu nnumerati sabiex ikun possibli li jiġu iddentifikati għall-manutenzjoni*".

Il-Kunsill approva unanimament.

7.4 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#222-20/09/10):**

*"Jipproponi sabiex il-planters ta' quddiem il-villel fi Triq il-Qaliet minn fejn Villa Sant'Anna sa fejn San Tomaso Restorant jiġu bil-crete print*".

Is-Sindku żied jgħid ili hemm bżonn li jsir crete print ukoll quddiem il-flats magħrufa ta' Santu fi Triq iż-Żonqor kif ukoll quddiem is-Sala tal-knisja. Dan apparti sbuħija wieħed jevita ħmieġ tal-klieb u tajn fix-xitwa.

Il-Kunsill approva unanimament.

7.5 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur John Baptist Camilleri (#223-7/09/10):</u>**

*"Jipproponi sabiex il-bankijiet li inwaħħlu ġodda kif ukoll dawk li diġa waħħalna jkunu numerati. Dan jista` jsir permezz ta' xi tabella żgħira tal-metal".*

Il-Kunsill approva unanimament ~~biex jikteb it-TM.~~

7.6 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#224-9/09/10):</u>**

*"Jipproponi sabiex issir tabella Loading/Unloading bejn id-9:00a.m -12:00p.m u it-3:00pm sal-5:00p.m quddiem il-petshop ta' Triq tal-Gardiel għax qed ikun ta' nkonvenjent għaliex qed jibbloka t-triq meta jiġi biex iħott jew jgħabbi mill-ħanut".*

Il-Kunsill approva unanimament biex japplika t-TM.

7.7 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera – s-Sinjura Carmen Fearne (#225-13/09/10):</u>**

*"Tipproponi li jitneħħa l-hedge li hemm fuq il-bankina taż-Żonqor ħdejn il-Pixxina Nazzjonali u dak li hemm faċċata tal-bandli taż-Żonqor. Dawn qed iżommu ħafna ġrieden u ħmieġ peress li ma jinqatawx ta' spiss".*

Il-Kunsill approva li dawn il-planters jitgħattew bil-crete print.

7.8 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera – s-Sinjura Carmen Fearne (#226-13/09/10):</u>**

*"Tipproponi li ssir il-bankina li hemm mhux magħmula ħdejn il-bandli taż-Żonqor peress li qegħda perikoluża speċjalment għat-tfal".*

Il-Kunsill approva unanimament.

7.9 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera – s-Sinjura Carmen Fearne (#227-13/09/10):</u>**

*"Tipproponi li l-pots li jinsabu x-Xatt fihom jitwaħħlu pjanti li mhumiex staġjonali u li jagħmlu l-fljuri bħal Hibiscus biex ineħħu t-traskuraġni li jinsabu fiha u nnaqqsu l-ispejjeż".*

Il-Kunsill approva unanimament.

7.10 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#228-14/09/10):</u>**

*"Jipproponi sabiex issir zebra crossing fi Triq il-Qaliet eżatt quddiem bandli ġdid li għadu kif ġie nawgurat. Wieħed jifhem li issa dan il-bandli ser jiġi frekwantat minn ħafna tfal u b'hekk tajjeb li wieħed jevita l-periklu".*

Il-Kunsill approva unanimament.

8.0 ***<u>Bord tal-Appell 22 ta' Ottubru 2010 rigward ir-Riċiklaġġ ta' Sant'Antnin fil-bini tal-MEPA :</u>***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li se ssir titkompla tinstema l-kawża quddiem l-Bord tal-Appell rigward ir-Riċiklaġġ fit-22 ta' Ottubru. Dan ser isir fil-bini tal-MEPA fit-3:30pm.

Kull min hu interessat jista` jattendi.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Bayswater Contracting Co. Ltd. | €12,294.05 |
| 2. | Stainless Structures Ltd. | €6,933.65 |
| 3. | Gordon Ellul | €8,220.00 |
| 4. | Amabile Galea & Sons Ltd. | €5,120.00 |

Kien hemm qbil unanimu li jintagħżel Amabile Galea & Sons Ltd minħabba li tefa` l-aktar offerta vantaġġuża, filwaqt li kellu numru konsiderevoli ta' ittra ta' referenza.

## 9.2 KLM 2010/08 – Insurance Cover for Marsaskala Local Council :

Il-Kunsill ġie preżentat b'lista ta' tenders.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Island Insurance Brokers | | €1,580.94 |
| 2. | Melita Unipol Insurance Agency | | €2,159.50 |
| 3. | Mediterranean Insurance Brokers | Citadel Insurance<br>Middlesea Insurance | €1,848.68<br>€2,178.25 |
| 4. | KDM Insurance Brokers | Citadel 5% Discount on 3 years<br>SMS 5% on Property & Electronic equipment | €1,838.90<br>€3,618.54 |

Kien hemm qbil unanimu li jintagħżel Island Insurance Brokers minħabba li tefa` l-aktar offerta vantaġġuża kemm bħala *premium* kif ukoll meta jiġi kkunsidrat wkoll l-amont ta' *excess*.

## 10.0 *Tender fuq garaxx ieħor għall-kiri għal użu tal-Kunsill :*

Ġew diskussi speċifikazzjonijiet kif għandha tinħareġ tender għal użu ta' garaxx ieħor fi ħdan il-Kunsill. Dan ser jintuża għal korsijiet ta' kompjuter, artiġjanat, arti, tagħlim ta' xi lingwi eċċ.. Dan hemm bżonn isir malajr kemm jista jun peress li l-bini tal-Kunsill ma jistax jagħti ċertu servizz speċjalment l-anzjani.

Ġie deċiż li dan għandu jkun bejn wieħed u ieħor ta' daqs ta' 60-70 pied fond b'20 faċċata li jrid ikollu bitħa mdaqqsa, dawl u ilma kif ukoll affarijiet sonitarji. Importanti wkoll li minħabba l-anzjani dan ikun *ground floor* u fiċ-Ċentru tal-lokal u jekk jista` jkun ikun hemm ukoll postijiet għal parkeġġi.

## 11.0 *Aġġornament*

Il-Laqgħa spiċċat fl-10:15p.m u l-laqgħa li jmiss se tkun nhar it-Tlieta 26 ta' Ottubru fis-6:30p.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku